ukoll il-Mulej għoġbu jbierek il-ħidma tiegħek, billi permezz tagħha mexxa l-Provinċja 'l quddiem ħafna.

Dil-ħajja Dumnikana, li inti bdejtha 50 sena ilu nhar il-professjoni tiegħek, u li għixtha għal dawn il-50 sena b'fedeltà qatt nieqsa lejn il-Kostituzzjonijiet u b'ħidma hekk kbira, hekk ta' ġid u hekk mimlija merti hi tabilħaqq don li ma bħalu ta' Alla: don li fih jiġbor bosta oħrajn. Dan kollu jixhed it-tieba kbira tal-Mulej lejk matul ħajtek kollha, kif ukoll jixhed il-fedeltà tiegħek għall-wegħdiet minnek magħmulin fil-jum tal-professjoni. Iżda din il-fedeltà hija wkoll grazzja ta' Alla.

Il-ħsieb ta' dit-tieba t'Alla hekk kbira lejk għandu jimlielek ruħek bil-ferħ u bir-radd ta' ħajr lejn Alla, kif ukoll għandu jħeġġek bix-xewqa u bil-proponiment li dejjem aktar tingħata kollok kemm int u b'fedeltà akbar għall-vokazzjoni tiegħek Dumnikana, b'fiduċja akbar fil-ħniena ta' Alla li b'kotra hekk kbira għoġbu jxerred fuqek il-grazzja tiegħu f'dawn il-50 sena.

Aħna lkoll ningħaqdu bil-qalb miegħek f'dan il-jum biex flimkien niżżuħajr lil Alla għal tant grazzji li tak u biex nitolbuh jagħtik iżjed għalli ġej.

Għażiż P. Zarb, nisthajjel li int, b'ferħ speċjali, tista' ttenni l-kelmiet ta' S. Pawl li aħna sikwit naqrawhom fil-Liturġija ta' dan iż-żmien tal-Milied: "Dehret it-tjubija t'Alla, Salvatur tagħna, u l-imħabba tiegħu lejn il-bnedmin, li mhux bil-għamil li konna għamilna fil-ġustizzja, iżda bil-ħniena tiegħu salvana" (Tit.3). Kif ukoll "Dehret il-grazzja t'Alla, għajn ta' salvazzjoni għall-bnedmin kollha, u għallmitna nħallu l-ħażen u x-xewqat tad-dinja, biex ngħixu f'dan iż-żmien bir-ražna, bil-ġustizzja u bit-tieba, nistennew it-tama hienja u d-dehra tal-glorja t'Alla kbir u Salvatur tagħna Ġesù Kristu . . . Dan tkellem u wissi: fi Kristu Ġesù, Sidna" (Tit.2). Huma kelmiet li jfissru t-tieba tal-Feddej lejk, il-fedeltà tiegħek għas-sejħa Nisranija u Dumnikana, il-perseveranza f'din is-sejħa, u programm ta' ħajja li l-Mulej jistenna minnek fis-snin li għad irid iħallilek u li aħna lkoll nixtiequ li jkunu bosta.

Minn qalbi f'dan il-jum inbierek b'mod speċjali lilek u r-reliġjużi kollha tal-Provinċja u l-oħrajn kollha li jingħaqdu miegħek biex jiżżuħajr lil Alla.

(ft.) Fr. ANICETU FERNANDEZ, O.P.,
*Majjistru Ġenerali.*



# LIL DUN MIKIEL ZAMMIT

S.Th.L., Ph.B., A.R.Ph.S.,
FL-EWWEL QUDDIESA SOLENNI
IL-ĦADD 17 TA' APRIL 1966
FIL-MATRIĊI TA' SAN ĠORĠ MARTRI
BELT PINTO

*Ta' ĠUŻE' CARDONA*

X'ferħ illum nilmaħ jiddi fuq wiċċek,
Fuq wiċċ niesek, il-ħbieb, DUN MIKIEL;
Ferħ Qaddis, għax ġibtilna mis-Sema
L-akbar Barka, tas-Sliema kull ħjiel.

Ferħ Qaddis: għax Qassis Kristu ieħor,
Biex ixerred kull grazzja fuq l-art;
Biex iwiddeb, igħasses l-Insara,
Biex ifejjaq ta' ruħna kull mard.

L-akbar Barka: għax l-għana tad-dinja
Ma jiswiex ħdejn il-ġid tal-Qassis;
Bik id-dinja tistagħna, titqaddes,
Kull ma torbot u tħoll Alla jqis.

L-akbar Sliema: mingħajrek did-dinja
Tisfa' mjassra tad-dnub minn kull xkiel.
Għalhekk jifraħ, Ħal Qormi, fl-Għid tiegħek,
Jara l-Barka w is-Sliem f'DUN MIKIEL!

Qormi, 13 ta' April 1966.

---

## ĦOBŻ

*Ta' VAL. V. BARBARA, O.P.*

Ittra bla isem
Magħġuna bil-mibegħda
Twaddbet fid-demel.

Saħan fil-għalqa d-demel
U għen il-qamħ ħa jsebbel.

Min qara l-ittra u beka,
U ħafer,
Resaq lejn l-artal t'Alla
U kiel . . . minn dak is-sbul —
Ħobż l-Imħabba!

4.12.1966.